**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mark A. Mercieca)**
**vs**
**Clinton Bugeja**

**Illum 24 ta' Frar, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Clinton Bugeja detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 152502L;

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar 2016 ghall-habta tad-0900hrs gewwa Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta;

> ikkommetta serq ta portmoni ghad-detriment ta Michelina Buhagiar ta 73 sena, liema serq ma jaccedix is-somma ta' €232.94
> [Art. 284, 285 ta' Kap 9]

> aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi, bhala persuna li kont taf jew messek kont taf li persuna hija anzjana, jew adult dipendenti u li, taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet, hlief dawk li

x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentament gieghelt jew ippermettejt li Michelina Buhagiar persuna anzjana adulta dipendenti issofri jew gibt fuq Michelina Buhagiar ugieh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli.
[Art. 257C(1) ta' Kap 9]

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-24 ta' Frar 2016 sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li l-fedina penali tieghu hi kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 257C (1), 284 u 285 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah tlettax il-xahar habs sospizi ghal tlett snin. U bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28G (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum, b'dana illi l-Ufficjal tas-Supervizjoni ghandu jibghat ghall-imputat kemm jista' jkun malajr sabiex jibda program ta' rijabilitazzjoni mill-aktar fis u mhux aktar tard minn tlett ijiem mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur